MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta ta' l-14 ta' Marzu, 2011

Numru. 969/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Nikolai Sant)**

**vs**

**Dennis Agius**

Kumpilazzjoni Nru: 969/2010

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Dennis Agius, ta' 20 sena, bin Christopher u Ruth nee' Agius, imwieled Pieta fil-15 ta' Lulju, 1990 u residenti gewwa Block A Flat No. 8 Triq il-Hawha, San Gwann u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 353290(M).

Akkuzat talli nhar l-10 ta' Lulju, 2010 ghall-habta ta' 04:30hrs gewwa San Giljan:

1 Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f' periklu car, ikkaguna feriti ta' natura gravi permess ta' arma irregolari fuq il-persuna ta' Jeffrey Farrugia skond kif iccertifika Dr Edward Zammit M.D., Reg. No. 2889 ta l-isptar Mater Dei;

2 Hedded bil-kliem lil Jeffrey Farrugia;

3 Kiser il-bon ordni pubblika b' ghajjat u glied;

Rat l-artikoli 214, 216, 338(dd) u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni.

Ikkunsidrat

Illi jirrizulta mill-provi prodotti li nhar l-10 ta' Lulju 2010 kien hemm incident bejn l-imputat u certu Jeffrey Farrugia, incident li sehh vicin tal-lukanda Vivaldi f'San Giljan. L-imputat, li mieghu kien hemm zewg persuni ohra, kien qed isuq il-vettura tieghu meta Jeffrey Farrugia, dan f'vettura ohra, imblukkalu t-triq, qam argument, iz-zewg sewwieqa hargu mill-vettura taghhom u Farrugia spicca biex sofra griehi gravi fuq wiccu. Effettivament l-ewwel kien hemm argument f'stabbiliment f'Paceville li kien jikkoncerna primarjament lil Jeffrey Farrugia u certu Mariella Babara (li kienet wahda mill-persuni fil-vettura ta' l-imputat) u minhabba dan l-argument kellhom johorgu mill-istabbiliment fejn kienu. L-imputat, Barbara u l-persuna l-ohra li kien hemm maghhom (certu Maxine Felice) iddecidew li jmorri lura lejn darhom; hekk kif kienu fi triqthom fil-vettura ta'l-imputat Farrugia mblukkalhom it-triq u sehh l-argument mertu ta' dawn il-proceduri.

Illi Barbara u Felice jghidu li meta Farrugia hareg mill-vettura tieghu hu beda jsabbat fuq il-vettura tieghu stess u kien ghalhekk li huwa wegga. Felice tghid ukoll li ghalkemm l-imputat hareg mill-vettura tieghu ma refax idu fuq Farrugia imma hareg biss biex jikkalmah. Farrugia minn-naha l-ohra jghid li hu soffra griehi ghaliex l-imputat tah daqqa; ghalkemm waqt id-depozizzjoni tieghu hu jghid li ma jafx b'xiex tah id-daqqa meta mar jaghmel ir-rapport lill-pulizija hu qallhom li l-imputat kien tah daqqa ta' lembuba.

Illi l-imputat, kif kellu dritt, ghazel li ma jixhidx u meta kienet qed tittiehded l-istqarrija tieghu ma wiegeb ghall-ebda domanda li setghet titfa dawl fuq id-dinamika ta'l-incident mertu ta' dawn il-proceduri.

Illi ghandu jigi rilevat li d-depozizzjonijiet tal-persuni kollha li tressqu bhala xhieda (eskliz l-Ispettur Sant u sa certu punt Maxine Felice) huma markati b'riluttanza kbira tal-persuni koncernati li jirrakkontaw l-fatti kollha kif graw, in oltre fil-ftit li qalu jirrakkontaw biss dak li jaqblilhom li jghidu.

Illi minhabba f'hekk u minhabba l-kunflitt li jirrizulta fil-verzjonijiet mghotija l-Qorti mhiex f'pozizzjoni li tiddetermina ezattament x'gara f'l-incident mertu ta' dawn il-proceduri, u b'mod partikolari kif soffra il-griehi l-parte leza.

Illi huwa ben stabbiliet li fil-kamp kriminali r-reaita ta'l-imputat trid tirrizulta 'l hemm minn kull dubbju dettat mir-raguni u fil-kaz in ezami dan l-oneru, ghar-ragunijiet fuq premessi, ma giex ezonerat.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti ma ssibx lill-imputat hati ta'l-imutazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tilliberah minnhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------